



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Seduta plenarja

26.1.2011

B7-0077/2011

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

impressqa wara l-Mistoqsija b'Talba għal Tweġiba orali B7-0667/2010,
B7-0801/2010, B7-0805/2010 u B7-0806/2010

skont l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-kriżi tar-rimi tal-iskart fil-Kampanja

Crescenzo Rivellini, Erminia Mazzoni, Elisabetta Gardini
f'isem il-Grupp PPE

RE\854984MT.doc

PE455.906v01-00

MT

Magħquda fid-diversità

MT

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-kriżi tar-rimi tal-iskart fil-Kampanja

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 191 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea li jstabilixxi li l-politika tal-Unjoni dwar l-ambjent għandha tikkontribwixxi sabiex jintlaħqu l-għanijiet li ġejjin,
 - is-salvagwardja, il-ħarsien u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent,
 - il-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem,
 - l-użu għaqli u razzjonali tar-riżorsi naturali,
 - il-promozzjoni ta' miżuri fil-livell internazzjonali sabiex jittrattaw problemi ambjentali reġjonali jew globali, u b'mod partikolari li jiġġieldu l-bidla fil-klima,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 227 TFUE dwar id-dritt ta' petizzjoni,
 - wara li kkunsidra l-atti leġislattivi adottati mill-KE u mill-Istati Membri biex jipproteġu l-ambjent u s-saħħa pubblika,
 - wara li kkunsidra d-direttiva dwar l-iskart adottata, li tispesifika li miżuri ta' ġestjoni tal-iskart iridu jikkonformaw mal-leġislazzjoni ambjentali,
 - wara li kkunsidra l-petizzjonijiet imressqa lill-Parlament bejn l-2005-2010,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 115(5) u 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Kampanja fl-aħħar 15-il sena kienet kemm-il darba milquta minn kriżijiet kbar ta' ġbir u rimi tal-iskart li joħlqu sitwazzjonijiet ta' emerġenza li affettwaw ħafna l-popolazzjoni lokali,
- B. billi l-periklu li ġej mill-iskart mhux miġbur fit-toroq jista' jkollu konsegwenzi perikolużi għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent,
- C. billi minkejja li kienet infurmata dwar is-sitwazzjoni, l-amministrazzjoni lokali kkonċernata s'issa ma kinitx kapaċi tiffaċja l-problema kif suppost u tevita l-aggravazzjoni tagħha, iż-żieda fl-iskumdità għar-residenti u l-periklu għas-saħħa pubblika u l-ambjent,
- D. billi s-sitwazzjoni deskritta tikser il-liġi tal-UE, li tipprevedi t-twaqqif tal-istrategġija u miżuri ta' ġestjoni li jippermettu l-konformità mal-eżiġenzi tal-leġislazzjoni tal-UE dwar l-iskart,
- E. billi l-Kummissjoni Ewropea nediet proċedura ta' ksur kontra l-Italja minħabba l-

applikazzjoni żbaljata tad-Direttiva ta' Qafas dwar l-Iskart (Direttiva 2006/12/KE dwar l-iskart) fil-Kampanja u li fid-dawl tal-ksur kontinwu tal-liġi ambjentali tal-UE fil-Kampanja, adiet il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja f'Lulju 2008,

- F. billi l-Kummissjoni Ewropea, b'segwitu għall-proċedura ta' ksur, iffriżat il-fondi għall-ġestjoni tal-iskart u r-rimi fl-Italja, u b'mod partikolari fir-reġjun tal-Kampanja,
 - G. billi l-QEĠ kkundannat lill-Italja fid-deċiżjoni tagħha tal-4 ta' Marzu 2010 għaliex naqset li twaqqaf l-istallazzjonijiet meħtieġa biex tiżgura r-rimi tal-iskart urban b'mod adegwat (sentenza fil-Każ C-297/08),
 - H. billi huwa fundamentali li l-azzjonijiet meħtieġa jkunu kkompletati mill-adozzjoni u, aktar importanti, mill-implimentazzjoni effettiva ta' miżuri strateġiċi fuq perjodu ta' żmien twil, bħal netwerk suffiċjenti ta' impjanti għat-trattament tal-iskart li jkunu konformi għal kollox mal-istandards stabbiliti mil-liġi Komunitarja, akkumpanjati minn strateġija koerenti għal perjodu ta' żmien twil għall-ġestjoni tal-iskart bil-ħsieb li tingħata spinta lir-riċiklaġġ u l-ġbir ta' skart separat,
1. Jilqa' l-isforzi u l-miżuri meħuda mill-awtoritajiet lokali li adottaw miżuri straordinarji fl-aħħar emerġenza tal-iskart urban li seħħet fil-Ħarifa 2010;
 2. Jilqa' l-finanzjament konċess mill-Komunità u jistieden lill-Kummissjoni biex tevalwa s-sitwazzjoni fil-Kampanja, li ġiet milquta mill-kriżi tal-iskart urban anke reċentement;
 3. Jilqa' l-isforzi riċenti tal-awtoritajiet reġjonali lokali biex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tas-sentenza tal-Qorti qabel l-aħħar ta' April;
 4. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiżgura l-implimentazzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni kollha eżistenti dwar il-protezzjoni ambjentali u tas-saħħa u b'mod speċifiku fil-każ tal-ġestjoni tal-iskart fir-reġjun Taljan affettwat;
 5. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiżblokka l-fondi tal-UE li baqa' jekk il-kundizzjonijiet ikunu ssodisfati bis-sħiħ mill-awtoritajiet Taljani u biex timmonitorja l-użu tas-sussidji tal-UE li baqa' biex tara li jsir użu tajjeb minnhom, waqt li tiżgura li l-ispejjeż futuri kollha jsiru bi qbil mal-pjanijiet approvati mill-UE, imressqa mill-awtoritajiet reġjonali u lokali bl-għan li jsolvu definittivament il-kriżi tal-ġestjoni tal-iskart fil-Kampanja, f'konformità sħiħa mal-liġi Komunitarja;
 6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet tal-Istati Membri kkonċernati.